MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 515/2005

Kawza fil-lista: 24

**Martin Gaffarena**
**Vs**
**Paul Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:

Premess illi l-kontendenti iffirmaw skrittura privata bejniethom datata 5 t'April, 2005 [Dok. 'MG1'] fejn fiha l-konvenut ikkostitwixxa ruhu bhala debitur veru, cert, u likwidu fis-somma ta' sebat elef lira Maltin [Lm7,000].

U premess illi ai termini tal-imsemmija skrittura l-konvenut kellu jhallas tali somma fi zmien xahar mid-data ta' l-iskrittura.

U premess illi l-konvenut naqas milli jhallas lill-attur is-somma hawn fuq indikata fiz-zmien stipulat.

U premess illi l-attur interpella lill-konvenut sabiex ihallas tali somma permezz ta’ ittra legali datata 12 ta’ Mejju 2005 [Dok. ‘MG2’] izda l-istess konvenut baqa’ inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta’ l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ sebat elef lira Maltin [Lm7,000].

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-interpellanza u cioe’ mit-12 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u rappresentanti u l-konvenut minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Rat l-affidavit ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-attur li biha s-sorte gie ridott ghas-somma ta’ Lm6,000;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur limitatament ghas-somma ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000) u tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur din is-somma flimkien ma’ l-imghax kif mitlub;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------